MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 576/2008

**Albano Caruana (I.D. 340375M)**

**vs**

**Emanuel Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attur li permezz tieghu l-attur talab il-hlas ta' elf, mitejn u disgha u tletin Euro u tlieta u hamsin centezmi (€1,239.53) somma dovuta lilu mill-konvenut stante li f'diversi zminijiet l-attur sellef lill-konvenut diversi somom ta' flus u '*in oltre'* l-attur issellef flus mill-HSBC fuq ismu sabiex dwan jithallsu ratejalment mill-konvenut, u wara li l-konvenut kien ircieva s-somma mislufa mill-attur huwa lanqas hallas l-flus lilu mislufa '*brevi manu'* u lanqas hallas il-pagamenti lill-Bank.

Illi fi Frar, 2008 f'gurnata minnhom l-intimat ikkonferma li fadallu jaghti mija u tlieta u sittin Euro (€163) lill-attur, ta' flus mislufa minnu direttament '*brevi manu'* u illi l-

konvenut naqas fi Frar, 2008 li jkompli jhallas il-'*loan'* mall-HSBC, u skond l-anness '*statement*' fadal x'jithallsu mitejn u wiehed u disghin Euro u hmistax-il centezmu (€291.15) lill-attur u seba' mija u hamsa u tmenin Euro u tmienja u tletin centezmu (€785.38) lill-Bank.

Bl-ispejjez u interessi bankarji li jkunu telghu sad-data tas-sentenza u l-imghax legali mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, 2008.

Ra l-eccezzjoni ssollevata mill-konvenut fejn qal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' u ra x-xhieda bl-affidavit ta' Albano Caruana. Sema' x-xhieda ta' Maria Vella, rapprezentanta tal-Bank HSBC plc.

Ra illi l-kawza giet differita tlett (3) darbiet ghall-provi tal-konvenut, fejn prezenti ghas-seduti kien ikun hemm id-difensur tal-konvenut, izda l-konvenut imsejjah tlett darbiet qatt ma deher ghal dawn is-seduti .

Illi fis-seduta tat-23 ta' April, 2009, it-Tribunal iddefirixxa l-kawza ghas-sentenza fuq il-provi li kellu quddiemu.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Carmel Abela.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi  mill-provi jirrizulta illi l-konvenut huwa hu l-attur. Illi fil-passat l-attur kemm-il darba silef flus lill-konvenut. Illi fl-2006 l-attur silef lill-konvenut hames mitt Euro (€500) u ftit wara kien talbu jaghmillu tajjeb ghal-'*loan*' mill-Bank minhabba illi l-Bank ma riedx japprovalu self ta' flus. L-

attur, flimkien mall-konvenut u ommu, marru l-Bank tal-HSBC plc fil-fergha taz-Zurrieq u nfetah kont f'ismu, bil-patt mall-konvenut illi l-paga tieghu kellha tidhol f'dak il-kont. Illi, ghalkemm il-kont kien infetah f'isem l-attur, il-pagamenti kellu jaghmilhom il-konvenut. Dak inhar il-'*loan*' moghti mill-HSBC plc kien forma ta' '*flexicredit'*, li kien jammonta ghal tmien mitt Euro (€800), li llum bl-interessi telghu ghal elf, tmien mija u erbgha u sittin Euro (€1,864). Illi minn dak iz-zmien kien thallas parti mill-ammonti dovuti kemm mill-konvenut kif ukoll mill-attur. Izda sal-21 ta' Lulju, 2008 l-ammont dovut lill-Bank kien iwassal ghas-somma mitluba fil-kawza, eskluzi l-interessi bankarji.

Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank HSBC plc gie kkonfermat illi l-Bank ma kienx f'pozizzjoni li johrog '*sanction letter'* u b'hekk il-konvenut ma setghax jiehu '*loan*' mill-Bank u dan minhabba xi problemi legali li kien jinsab fihom Emanuel Caruana. Ir-rapprezentanta tal-Bank ziedet illi dakinhar stess, xi ftit hin wara, kien tfacca l-konvenut ma' l-attur, u cioe' huh, il-Bank fejn il-konvenut kien infurmaha illi huh, u cioe' l-attur, kien ser jiehu '*loan*' minfloku u huh kien ser jaghtih il-flus. Illi l-ftehim verbali quddiemha kien illi Albano Caruana ha johrog '*loan'* fuq ismu u l-konvenut kellu jiddepozita l-flus fil-Bank. Illi skont dokumenti pprezentati in atti jirrizultaw hdax-il (11) depozitu maghmula minn Emanuel Caruana (I.D. 67356M), il-konvenut fil-kawza, fil-kont tal-attur Albano Caruana.

Illi din hija kawza ghal hlas ta' flus mislufa lill-konvenut mill-attur, kif ukoll ghal flus dovuti lill-Bank wara li l-attur kien ghamel tajjeb ghal huh f'*loan* mehud mill-HSBC plc f'ismu. Illi huwa minnu illi l-attur kien ukoll sellfu xi flus drabi ohra. Illi l-konvenut baqa' ma hallasx l-ammonti dovuti lill-huh, u minhabba nuqqas tal-konvenut baqghu telghin l-interessi bankarji.

Wara evalwazzjoni tal-provi migjuba quddiemu, t-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni illi l-attur ghandu jiehu minghand huh l-ammonti mitluba u huwa sodisfatt mix-xhieda migjuba quddiemu illi l-attur ipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf, mitejn u disgha u tletin Euro u tlieta u hamsin centezmi (€1,239.53) bl-ispejjez kif mitluba u bl-interessi bankarji sad-data tal-lum u l-imghax legali mid-data tas-sentenza sall-hlas effettiv.

Spejjez tal-kawza  a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------